Australian Government
Department of Health, Disability and Ageing



# Att ġdid dwar il-Kura tal-Anzjani bbażat fuq id-drittijiet

L-Att il-ġdid dwar il-Kura tal-Anzjani se jpoġġi d-drittijiet tal-anzjani bħala prijorità. Dan jinkludi Statement of Rights [Dikjarazzjoni ta' Drittijiet] għal persuni anzjani li jużaw servizzi tal-kura tal-anzjani. Din il-kitba hija sommarju ta' dawk id-drittijiet fi kliem sempliċi.

## Dwar id-Dikjarazzjoni tad-Drittijiet

Il-Gvern Awstraljan qed ibiddel il-liġijiet Awstraljani dwar il-kura tal-anzjani. *Aged Care Act 2024* [L-Att dwar il-Kura tal-Anzjani 2024] (l-Att il-ġdid) għandu Dikjarazzjoni ta' Drittijiet. Dan jispjega xi drittijiet għandhom l-anzjani meta jfittxu s-servizzi tal-kura tal-anzjani ffinanzjati mill-Gvern Awstraljan. Id-Dikjarazzjoni tad-Drittijiet se tieħu post il-Karta kurrenti tad-Drittijiet tal-Kura tal-Anzjani [Charter of Aged Care Rights], fl-1 ta' Novembru 2025.

Id-Dikjarazzjoni kompleta tad-Drittijiet fl-Att il-ġdid qegħda fi tmiem din il-kitba.

## Xi tfisser għalik id-Dikjarazzjoni tad-Drittijiet

Id-Dikjarazzjoni tad-Drittijiet se tgħin biex tiżgura li inti tkun fiċ-ċentru tal-kura tiegħek.

Se tagħtik id-dritt biex:

- tagħmel deċiżjonijiet inti dwar ħajtek
- id-deċiżjonijiet tiegħek ma jkunux biss aċċettati, imma rispettati
- tikseb informazzjoni u sapport biex jgħinuk tagħmel deċiżjonijiet
- tikkomunika x-xewqat tiegħek, bżonnijiet u preferenzi
- tħossok sigur u rispettat
- il-kultura u l-identità tiegħek ikunu rispettati
- tibqa' konness mal-kommunità tiegħek.

## Indipendenza, għażla u kontroll

Inti għandek id-dritt li tagħmel id-deċiżjonijiet tiegħek inti stess u jkollok kontroll dwar:

- liema servizzi mħallsa tal-kura tal-anzjani inti tuża
- kif se jkollok aċċess għas-servizzi mħallsa tal-kura tal-anzjani u min se jipprovdihom
- il-flus tiegħek u ħwejġek.

Inti għandek id-dritt li tikseb sapport biex tagħmel dawn id-deċiżjonijiet jekk tkun teħtieġ.

Inti għandek ukoll id-dritt li tagħżel kif tgħix, anke jekk hemm xi riskju personali. Per eżempju, għażliet rigward il-ħajja soċjali tiegħek u relazzjonijiet intimi.

## Aċċess xieraq

Inti għandek id-dritt li tkun assessjat b'mod xieraq u preċiż biex tara x'servizzi mħallsa tal-kura tal-anzjani għandek bżonn.

Dan l-assessjar għandu jsir b'mod li jaqbel għalik. Għandu jirrispetta:

- il-kultura u sfond tiegħek
- l-esperjenza personali u xi trawma tiegħek
- kundizzjonijiet konoxxittivi, bħal dimenzja.

Inti għandek ukoll id-dritt li jkollok it-tip ta' kura li teħtieġ, meta tkun bżonnha. Dan jinkludi kura paljattiva u kura fi tmiem il-ħajja.

## Sigurtà u kwalità

Inti għandek id-dritt għall-servizzi mħallsa tal-kura tal-anzjani li huma siguri, ta' kwalità u xierqa li jittrattawk b'dinjità u rispett.

Dan jinkludi id-dritt li tikseb servizzi mħallsa tal-kura tal-anzjani li:

- jistmaw u jissapportjaw l-identità, l-kultura u l-isfond tiegħek
- jirrispettaw l-esperjenza tiegħek, inkluża kwalunkwe trawma
- huma aċċessibbli u jissodisfaw il-bżonnijiet tiegħek
- huma ħielsa mill-vjolenza, abbuż u abbandun.

Inti għandek id-dritt li tikseb servizzi mħallsa tal-kura tal-anzjani minn:

- ħaddiema li jkollhom it-taħriġ, kapaċitajiet u esperjenza meħtieġa
- provvedituri li jissodisfaw il kundizzjonijiet kollha mitluba mill-liġijiet tal-kura tal-anzjani.

Jekk inti tħossok fil-periklu meta tfittex kura tal-anzjani, inti tista' issib sapport bla ħlas minn avukati, ħaddiema tas-servizzi soċjali u speċjalisti oħra. Żur il-website tal-Avukat Ġenerali għal iktar informazzjoni dwar il-protezzjoni mill-abbuż kontra l-anzjani.

## Rispett tal-privatezza tiegħek u informazzjoni dwarek

Il-provveditur tiegħek għandu:

- jirrispetta il-privatezza personali tiegħek
- jipproteġi l-informazzjoni personali tiegħek, bħal infomazzjoni dwar saħħtek u l- finanzi tiegħek
- jħallik tagħżel meta l-informazzjoni personali tiegħek tista' tiġi mogħtija lill- ħaddieħor, bħal difensur tad-drittijiet jew avukat.

Inti għandek id-dritt li tikseb informazzjoni reġistrata dwar id-drittijiet tiegħek u s-servizzi mħallsa tal-kura tal-anzjani li tuża. Dan jinkludi il-prezz tagħhom.

## Kommunikazzjoni li tissodisfa l-bżonnijiet tiegħek

Inti għandek id-dritt li:

- tikseb informazzjoni b'mod li inti tifhem
- tagħti feedback.

Inti għandek id-dritt li tikkomunika bil-lingwa jew metodu li tippreferi. Dan jinkludi l-użu ta' interpreti jew għajnuna fil-kommunikazzjoni jekk ikollok bżonnhom.

Għandek ukoll id-dritt li tiltaqa' mal-provveditur tiegħek u ma' dawk li jissapportjawk b'mod li jaqbel lilek. Dan jista' jfisser laqgħa f'ħin tal-ġurnata li huwa l-aħjar għalik.

## Sapport biex tqajjem kwistjonijiet malajr u b'mod ġust

Meta jkun hemm xi kwistjonijiet rigward servizzi tiegħek mħallsa tal-kura tal-anzjani, inti għandek id-dritt li:

- ikollok sapport mill-provveditur tiegħek
- tilmenta mingħajr biża' jew konsegwenza
- tikseb tweġiba f'waqtha u xierqa għall-ilmenti tiegħek.

## Sapport u konnessjoni man-nies u mal-kommunità

Inti tista' jkollok bżonn sapport biex tifhem id-drittijiet tiegħek, tagħmel deċiżjonijiet jew tagħmel ilment. Inti għandek id-dritt li jkollok dan is-sapport minn difensur indipendenti tad-drittijiet jew xi ħadd ieħor li tagħżel.

Inti għandek id-dritt li tikkomunika mad-difensur jew persuna tas-sapport tiegħek kull x'hin trid.

Il-provvedituri għandhom jirrispettaw ir-rwol tal-persuni li huma importanti għalik. Per eżempju, familja, ħbieb u dawk li jieħdu ħsiebek.

Inti għandek id-dritt li jibqa' jkollok konnessjoni ma:

- il-persuni li huma importanti għalik
- il-kommunità tiegħek, inkluż li tieħu sehem f'attivitajiet kulturali u ta' ħin liberu
- l-annimali domestiċi tiegħek.

Persuni Aboriġeni u minn Torres Strait għandhom id-dritt li jibqgħu konnessi mal-kommunità tagħhom, Country u Island Home.

## Kif tiżgura li d-drittijiet tiegħek jkunu rispettati

Il-provveditur tiegħek għandu jifhem u jsegwi d-Dikjarazzjoni tad-Drittijiet. Jekk ma jagħmilx dan, tista' tagħmel ilment lill-Kummissjunarju tal-Ilmenti.

Tista' tagħmel ilment online, bit-telefon jew permezz ta' ittra. Żur il- Kummissjoni tal-Kwalità u Sigurtà fil-Kura tal-Anzjani għal iktar informazzjoni.

Jekk għandek bżonn sapport biex tagħmel ilment jew issib xi informazzjoni, ċempel Older Persons Advocacy Network (OPAN) fuq 1800 700 600.

OPAN għandu persuni li jgħinuk bla ħlas, indipendenti u kunfidenzjali.

## Dikjarazzjoni tad-Drittijiet kompleta fl-Att il-ġdid

Hawn taħt tinsab id-Dikjarazzjoni kompleta tad-Drittijiet minn artiklu 23 tal-Att il-ġdid.

*Indipendenza, awtonomija, tisħiħ u libertà tal-għażla*

(1) L-individwu għandu d-dritt li:
- (a) jeżerċità l-għażla u jagħmel deċiżjonijiet li jaffetwaw il-ħajja tal-individwu, inkluż rigward dan li ġej:
  - (i) is-servizzi mħallsa tal-kura tal-anzjani li l-individwu jkun ġie approvat li jikseb;
  - (ii) kif, meta u minn min dawn is-servizzi jiġu provduti lill-individwu;
  - (iii) l-affarijiet finanzjarji u proprjetà personali tal-individwu; u
- (b) ikun issapportjat (jekk hu meħtieġ) biex jagħmel dawk id-deċiżjonijiet, u li dawk id-deċiżjonijiet jiġu rrispettati; u
- (c) jieħu riskji personali, inklużi dawk rigward il-kwalità tal-ħajja tal-individwu, parteċipazzjoni soċjali u relazzjonijiet intimi u sesswali.

*Aċċess ġust*

(2) L-individwu għandu d-dritt għal aċċess ġust biex:
- (a) ikollu l-bżonn tiegħu li jkun assessjat għas-servizzi mħallsa tal-kura tal-anzjani, jew li jerġa jkun assessjat, b'mod li jkun:
  - (i) kulturalment sigur, kulturalment xieraq, b'għarfien dwar trawma u dwar il-fejqan; u
  - (ii) aċċessibbli u tajjeb għall-individwi li jgħixu bid-dimenzja jew inkapaċità konoxxittiva oħra; u
- (b) kura paljattiva jew kura ta' tmiem il-ħajja meta jkunu meħtieġa.

*Servizzi mħallsa tal-kura tal-anzjani li huma ta' kwalità u siguri*

(3) L-individwu għandu d-dritt li:
- (a) għal trattament b'dinjità u rispett; u
- (b) għal trattament sigur, xieraq, ġust u mingħajr diskriminazzjoni; u

(c) li jkollu l-identità, il-kultura, l-ispiritwalità u d-diversità tal-indiviwu stmati u ssapportjati; u
(d) li jkollu provduti servizzi mħallsa tal-kura tal-anzjani:
    (i) b'mod li huwa kulturalment sigur, kulturalment xieraq, b'għarfien dwar trawma u dwar il-fejqan; u
    (ii) b'mod aċċessibbli; u
    (iii) minn ħaddiema tal-kura tal-anzjani ta' provvedituri reġistrati li għandhom kwalifiki, kapaċitajiet u esperjenza adattati.

(4) L-individwu għandu d-dritt li:
(a) jkun ħieles mill-forom kollha ta' vjolenza, trattament degradanti u kiefer, sfruttament, abbandun, sfurzar, abbuż u mġieba ħażina sesswali; u
(b) jkollu servizzi mħallsa tal-kura tal-anzjani provduti lilu b'mod konformi mar-rekwiżiti imposti fuq il-provvedituri reġistrati taħt dan l-Att.

Nota: L-1 Diviżjoni tar-4 Parti ta' Kapitlu 3 tirrigwarda il-kundizzjonijiet tal-provvedituri reġistrati, inklużi r-rekwiżiti dwar l-użu tal-prattiċi restrittivi u l-immaniġġjar tal-inċidenti.

*Rispett għal privatezza u informazzjoni*

(5) L-individwu għandu d-dritt li jkollu:
(a) il-privatezza personali tiegħu rispettata; u
(b) l-informazzjoni personali tiegħu protetta.

(6) L-individwu għandu d-dritt li jitlob, u jiġi provdut, b'informazzjoni reġistrata dwar id-drittijiet tal-individwu taħt din is-sezzjoni u s-servizzi mħallsa tal-kura tal-anzjani li l-individwu juża, inklużi l-prezzijiet ta' dawk is-servizzi.

*Kommunikazzjoni ffukata fuq il-persuna u l-kapaċità li tqajjem kwistjonijiet mingħajr tpattija*

(7) L-individwu għandu d-dritt li:
(a) jkun infurmat, b'mod li l-individwu jifhem, dwar s-servizzi mħallsa tal-kura tal-anzjani li l-individwu juża; u
(b) jesprimi opinjonijiet dwar s-servizzi mħallsa tal-kura tal-anzjani li l-individwu juża u li jiġi mismugħ.

(8) L-individwu għandu d-dritt li jikkomunika bil-lingwa tal-individwu jew metodu ta' komunikazzjoni preferut, b'aċċess għal interpreti u għajnuna tal-komunikazzjoni, kif ikun meħtieġ.

(9) L-individwu għandu d-dritt li:
(a) jkollu komunikazzjoni fil-miftuħ u sapport mill-provvedituri reġistrati meta jinqagħlu xi kwistjonijiet fil-provvediment tas-servizzi mħallsa tal-kura tal-anzjani; u
(b) jagħmel ilmenti billi juża mekkaniżmu aċċessibbli, mingħajr biża' ta' tpattija, dwar il-provvediment lilu tas-servizzi mħallsa tal-kura tal-anzjani; u
(c) l-ilmenti tal-individwu jkunu immaniġġjati b'mod ġust u pront.

*Difensuri tad-drittijiet personali (Advocates), persuni sinjifikanti u konnessjonijiet soċjali*

(10) L-individwu għandu d-dritt li jkun issapportjat minn difensur tad-drittijiet jew persuna oħra li jagħżel l-individwu, inkluż meta jeżerċità jew jitlob li jifhem id-drittijiet tal-individwu f'din is-sezzjoni, meta jesprimi l-opinjonijiet tal-individwu, jieħu deċiżjonijiet li jaffetwaw il-ħajja tal-individwu u jagħmel ilmenti jew jagħti feedback.

(11) L-individwu għandu d-dritt li jkollu rikonoxxut u rispettat ir-rwol ta' persuni li huma ta' importanza għall-individwu, inklużi persuni li jieħdu ħsiebu, viżitaturi u volontiera.

(12) L-individwu għandu d-dritt għal opportunitajiet, u assistenza, biex jibqa' konness (jekk l-individwu jagħżel dan) ma:

(a) persuni sinjifikanti fil-ħajja tal-individwu, u annimali domestiċi, inklużi permezz ta' viżitazzjoni sigura minn membri tal-familja, ħbieb, volontiera u viżitaturi oħra fejn jgħix l-individwu u viżitazzjoni għand membri tal-familja u ħbieb; u

(b) il-kommunità tal-individwu, inkluża l-parteċipazzjoni fil-ħajja pubblika u ta' divertiment, attivitajiet kulturali, spiritwali u tal-istil tal-ħajja; u

(c) jekk l-individwu huwa Aboriġenu jew minn Torres Strait - kommunità, Country u Island Home.

(13) L-individwu għandu d-dritt li jkollu aċċess, f'kull ħin li jagħżel l-individwu, għal persuna magħżula mill-individwu, jew persuna magħżula minn awtorità xierqa.

**Copyright**

© 2025 Commonwealth of Australia as represented by the Department of Health, Disability and Ageing

**Licence (except for Commonwealth logos)**

This publication is licensed under a Creative Commons AttributionNon-Commercial 4.0 International Licence from https://creativecommons.org/licenses/by-nc/4.0/legalcode.en. This Licence does not include, and no permission is given for, the use of the Commonwealth logos contained in this publication.

**Disclaimer**

This publication is not legal advice and must not to be used or relied upon as a substitute for legal advice. Users must seek their own independent legal advice in relation to their particular circumstances.